**Imħabba Bis-Sens**

Words & Music: Br. Frederick Scerri
Band: D-Xtremes

Missierna tas-sema tant ħabbna
Meta tana lil Ibnu l-Waħdien
Biex isir wieħed minna u jgħix fostna
U joffrilna mid-dnub il-ħelsien

Bagħtu jonqox imħabbtu fi qlubna
Li tibdilna lkoll f'ħolqien ġdid
Biex Fih nagħrfu kif ngħixu ta' aħwa
Mingħajr firda; ta' vera ulied

**Ħobbu lil xulxin, kif ħabbejtkom jien**
**Wasslu din l-imħabba, fil-qlub tal-bnedmin**
**Kunu xhieda tiegħi fost ħutkom kullimkien**
**Uruhom kif l-imħabba tagħtihom il-ħelsien**

Għadda fostna jxandar il-maħfra
U jfarraġ il-qalb tal-muġugħ
Kien id-dawl illi dawwal id-dinja
Sar il-ħobż li jaqta' kull ġuħ

Tana Ġismu u Demmu sa l-aħħar
Fuq salib, hemm fuq l-għolja merfugħ
Biex imħabbtu naraw sa fejn twassal
Ta' kull darba li aħna niċħduh.

**Ħobbu lil xulxin, kif ħabbejtkom jien...**

Tana l-qawwa biex ngħixu fid-dinja
Bħall-appostli nhar il-Għid il-Ħamsin
Mingħajr biża nħabbru li Kristu
Hu biss jagħti l-vera ħelsien

Dik imħabbtu ssir imħabbitna
li tgħaqqadna f'qalb waħda flimkien
tgħinna nibnu flimkien dinja ġdida
Sabiex ngħixu tassew ferħanin.

**Ħobbu lil xulxin, kif ħabbejtkom jien...**